

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013”

(COM(2021) 812 final — 2021/0420 (COD))

(2022/C 290/19)

Relatur: **Stefan BACK**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 17.2.2022 Parlament Ewropew, 7.3.2022
Bażi legali	Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25/10/2021
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	10.3.2022
Adottata fil-plenarja	23.3.2022
Sessjoni plenarja Nru	568
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	222/1/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-Proposta, meta wieħed iqis li r-Regolament TEN-T attwali ġie adottat fl-2013 u li għalhekk kien wasal iż-żmien li jiġi propost qafas aġġornat ġdid, adattat għall-kuntest ta' politika attwali u bbażat fuq it-tagħlimiet meħuda mir-Regolament attwali. Pereżempju, ir-Regolament TEN-T aġġornat għandu jifforma l-bażi infrastrutturali meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-għanijiet tal-Kummissjoni inklużi fil-Patt Ekoloġiku, fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ferroviji. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tat-TEN-T taħt il-qafas attwali ma kinitx sodisfaċenti, b'dewmien sinifikanti, u għalhekk il-KESE jilqa' r-regoli msaħħa dwar l-implimentazzjoni.

1.2. Il-KESE jaqbel mal-miżura li jiġu armonizzati dejjem aktar ir-rekwiżiti ewlenin u komprensivi tan-network u li d-distinzjoni bejniethom issir kwistjoni ta' żmien.

1.3. Bl-istess mod, il-KESE japprova l-enfasi fuq il-Kurituri Ewropej bħala mezz biex jiġu promossi t-trasport u l-multimodalità effiċjenti, kif ukoll il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'saħħtu u r-rwol imsaħħaħ tal-Koordinaturi Ewropej.

1.4. Il-KESE jilqa' wkoll il-valur miżjud fil-forma ta' effetti ta' sinerġija li jirriżultaw minn koordinazzjoni mtejba tal-Kurituri Ewropej mal-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija.

1.5. Il-KESE jilqa' l-importanza li l-Proposta tagħti lill-koeżjoni fl-implimentazzjoni tan-network u jieħu nota li dan ifisser li jiġu żgurati l-aċċessibilità u l-konnettività għar-regġuni kollha fl-Unjoni kemm għat-traffiku tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, u koordinazzjoni u interkonnessjoni effiċjenti bejn, rispettivament, it-traffiku fuq distanzi twal, reġjonali u lokali, kif ukoll it-trasport fin-nodi urbani. Għalhekk, il-KESE jilqa' wkoll l-obbligu għall-Istati Membri fl-Artikolu 58 tal-Proposta li jiżguraw li l-pjani nazzjonali tat-trasport u tal-investment ikunu koerenti mal-politika tat-trasport tal-Unjoni.

Konnessjonijiet effiċjenti tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija b'infrastruttura li tippermetti veloċità adegwata li tgħin biex tintlaħaq il-puntwalità se jippermettu li l-ferroviji jaqdu r-rwol sħiħ tagħhom fil-katina tat-trasport intermodali, meta wieħed iqis li l-puntwalità insuffiċjenti tal-ferroviji kienet ostaklu kbir biex il-multimodalità, inkluż il-ferroviji, issir għażla attraenti.

1.6. Fir-rigward taż-żewġ funzjonijiet addizzjonali ta' Koordinatur fir-rigward tal-Ispazju Marittimu Ewropew u l-ERTMS (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju), il-KESE huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni rapida tal-ERTMS se tirrikjedi wkoll appoġġ finanzjarju sostanzjali, meta wieħed iqis l-ispejjeż involuti. Għalhekk, il-KESE jilqa' s-suġġeriment tal-Kummissjoni li tikkunsidra li teżenta l-finanzjament pubbliku tal-ERTMS mill-obbligu ta' notifika skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-KESE jitlob li jsir studju tal-fattibbiltà dwar l-implimentazzjoni tal-ERTMS sal-2030, u jeħtieġ li jitqiesu wkoll il-kwistjonijiet ta' finanzjament.

Fir-rigward tal-Ispazju Marittimu Ewropew, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-pontijiet tal-baħar b'konnessjonijiet regolari u frekwenti ħafna tal-laneċ, li jistgħu jitqiesu bħala simili għall-infrastruttura u eliġibbli għall-kofinanzjament bħala proġetti ta' interess komuni.

1.7. Il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma huwa previst l-ebda żmien fiss għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tan-network komprensiv.

1.8. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-enfasi fuq konsultazzjoni wiesgħa, adegwata u fwaqtha dwar il-proġetti ppjanati mal-partijiet ikkonċernati kollha, u jfakkar fl-Opinjoni tiegħu tal-2012 dwar il-potenzjal tal-KESE bħala punt ta' konnessjoni mas-soċjetà ċivili.

1.9. Il-KESE jieħu nota favorevoli tal-prijoritajiet ġenerali għan-networks kollha stabbiliti fl-Artikolu 12, u li jipprevedi t-tneħħija ta' ostakli amministrattivi, tekniċi u operazzjonali u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-infrastruttura.

1.10. Il-KESE jitlob il-faċilitazzjoni tat-teħid ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza f'kull aspekt sabiex tiġi promossa l-multimodalità, li jimplika li jsir l-aħjar użu possibbli mill-vantaġġi tal-modi kollha tat-trasport biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb is-sikurezza u jitnaqqas il-piż ambjentali. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-importanza tal-interfaċċa bejn it-trasport fuq l-art u modi oħra, li tippermetti li l-passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-avjazzjoni jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-katina multimodali.

1.11. Aħna nemmu li ż-żieda tar-reżiljenza tan-network għat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali u d-diżastri kkawżati mill-bniedem hija kruċjali biex jiġi stabbilit network li jiġġenera valur li jdum fit-tul għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE. L-aspetti tar-reżiljenza għandhom jitqiesu kmieni kemm jista' jkun fil-fażi tal-ippjanar ta' kull proġett.

1.12. Il-KESE jirrimarka li fil-każ ta' problemi tat-traffiku jew emerġenzi, għandha tiġi ppreferuta l-aktar soluzzjoni sostenibbli.

1.13. Il-KESE japprova l-attenzjoni li nġhatat lis-sistemi tal-ICT u l-kapaċità tagħhom li jiffaċilitaw l-iżvilupp fit-trasport multimodali. Aħna nqisu li huwa importanti li l-potenzjal vast tad-diġitalizzazzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tat-trasport għandu jiġi żviluppat bħala kwistjoni ta' prijorità għolja.

1.14. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-possibbiltà li jittejjeb il-monitoraġġ tal-konformità mar-regolamenti dwar il-ħinjiet tax-xogħol u tal-mistrieħ, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport ferrovjarju, b'mezzi diġitali, u jitlob li tiġi żvilupata sistema bħal din.

1.15. Il-KESE jilqa' l-inklużjoni tan-nodi urbani u tat-terminals multimodali bħala elementi speċifiċi tat-TEN-T peress li t-tnejn huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tat-trasport. Il-KESE jinnota li terminal multimodali wieħed jista' jservi aktar minn nodu urban wieħed jekk ikun hemm konformità mal-kriterji funzjonali stabbiliti fil-Proposta.

1.16. Il-KESE jinnota li l-infrastruttura ferrovjarja f'dak li jirrigwarda faċilitajiet għall-persunal ferrovjarju hija mgħammra b'mod żbilanċjat ħafna. Fil-fehma tal-KESE, l-infrastruttura għall-ħaddiema għandha tal-anqas tinkludi rotot sikuri, akkomodazzjoni għal matul il-lejl, kmamar għal waqfien mix-xogħol skont l-iżjed żviluppi reċenti (tkessiħ, tisħin, iġjene), utilitajiet u faċilitajiet sanitarji.

1.17. Il-KESE jieħu nota tar-rekwiżiti dwar iż-żoni ta' mistrieħ, stabbiliti fl-Artikolu 29(2)(b) u jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' standards minimi komuni għalihom ukoll.

1.18. Bl-istess mod, il-KESE jilqa' ż-żieda fl-enfasi fuq ir-rabtiet mal-pajjiżi ġirien, inklużi l-pajjiżi msieħba bħall-Istati Membri taż-ŻEE u l-Iżvizzera, kif ukoll il-pajjiżi tal-adeżjoni. Il-KESE jinnota li dan l-oġettiv huwa stabbilit biex jippromovi l-estensjoni tal-politika tat-TEN-T f'pajjiżi terzi, inklużi l-oġettivi tas-sostenibbiltà, il-koeżjoni, l-effiċjenza u ż-żieda fil-benefiċċji għall-utenti.

1.19. Il-KESE jilqa' wkoll l-attenzjoni mogħtija lill-involvement ta' suġġetti ta' pajjiżi terzi fi proġetti TEN T, bħala kwistjoni ta' sigurtà u ordni pubbliku, u d-dmir ta' notifika tal-Istati Membri li jippermettu valutazzjoni tal-impatt anke barra mill-qafas ġenerali dwar l-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin fl-UE. Dan jiżgura wkoll l-interoperabbiltà u l-istandards tal-UE.

1.20. Il-KESE japprova wkoll il-possibbiltà ta' aġġustamenti permezz ta' atti delegati ta' elementi infrastrutturali, u l-konfigurazzjoni tal-Kurrituri.

1.21. Il-KESE huwa sodisfatt li issa qed jiġi propost li fir-Regolament jiġi inkluż obbligu ta' manutenzjoni tal-infrastruttura tat-TEN-T mill-Istati Membri. Il-KESE kien japprezza wkoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ f'dan ir-rigward kif ukoll sanzjonijiet adatti fil-każ ta' manutenzjoni inadegwata.

1.22. Il-KESE jilqa' l-oġġettivi dwar l-infrastruttura tat-trasport madwar id-dinja stabbiliti fl-Istrateġija dwar il-Konnettività tal-Portal Globali tal-Kummissjoni.

2. Sfond

2.1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-Proposta tagħha għal Regolament ġdid biex jissostitwixxi r-Regolament attwali dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew ((UE) Nru 1315/2013) (il-Proposta) fl-14 ta' Diċembru 2021 (COM(2021) 812 — 2021/0420 (COD)) bħala azzjoni ewlenija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti.

2.2. Il-Proposta żżomm l-istruttura ta' network ewlieni u komprensiv tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T). Għan-network ewlieni, l-iskadenza għall-implimentazzjoni għadha l-2030 bi stadju addizzjonali sal-2040 għal network ewlieni estiż u l-2050 għan-network komprensiv.

2.3. L-erba' oġġettivi speċifiċi tar-Regolament attwali dwar it-TEN-T (l-effiċjenza, il-koeżjoni, is-sostenibbiltà u ż-żieda fil-benefiċċji għall-utenti) għadhom fis-seħħ u qed jiġu żviluppati aktar.

2.4. Il-Proposta tfittex li tirrimedja l-problemi ta' dewmien fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-proġetti billi tallinja l-interessi, l-oġġettivi u r-responsabbiltajiet nazzjonali u tat-TEN-T u ssaħħaħ il-monitoraġġ b'mod partikolari fir-rigward tal-Kurrituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali tal-ERTMS u l-ispazju Marittimu Ewropew, fejn ir-rwol tal-Koordinatur Ewropew jissaħħaħ u l-pjani ta' ħidma jingħataw forza legali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

2.5. Il-Proposta tiżgura l-allinjament tal-Kurrituri Ferrovjarji tal-Merkanzija mal-Kurrituri Ewropej permezz ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 913/2010, u tipprevedi l-koordinazzjoni bejn iż-żewġ strumenti.

2.6. Il-Proposta tintroduċi l-manutenzjoni tat-TEN-T bħala obbligu tal-Istati Membri.

2.7. Fil-każ ta' dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tan-networks, il-Kummissjoni tista', jekk id-dewmien ma jkunx iġġustifikat b'mod oġġettiv u l-problema ma tiġix solvuta fi żmien sitt xhur, tirtira l-kofinanzjament tal-UE.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-Proposta, meta jitqies li r-Regolament TEN-T attwali ġie adottat fl-2013 u li l-aġenda tal-politika komuni tat-trasport nbidlet ħafna minn dak iż-żmien, minħabba li l-White Paper dwar il-politika tat-trasport tal-2011 għet segwita mill-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti tal-2020 li, fost l-oħrajn, tiffoka fuq is-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u l-promozzjoni tal-ferroviji/il-multimodalità.

Barra minn hekk, l-esperjenzi tal-implimentazzjoni tat-TEN-T skont ir-Regolament tat-TEN-T attwali, ma kinux sodisfaċenti, b'dewmien sinifikanti.

Wasal iż-żmien li jiġi propost qafas, adattat għall-kuntest ta' politika attwali, billi tinholq infrastruttura kompatibbli, pereżempju, mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ferroviji, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mir-Regolament attwali. Il-KESE indika din il-ħtieġa għall-aġġornament fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tiegħu tal-2020⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Evalwazzjoni tan-Network Trans-Ewropew — linji gwida dwar it-Trasport (TEN-T) 2013-2020 — TEN/701.

3.2. Il-KESE jaqbel mal-miżura li jiġu armonizzati dejjem aktar ir-rekwiżiti ewlenin u komprensivi tal-infrastruttura tan-network u biex essenzjalment ikun hemm distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji billi tiġi stabbilita skadenza fl-2030 għall-implimentazzjoni tan-network ewlieni, skadenza fl-2040 għal dak imsejjaħ bħala network ewlieni estiż u skadenza fl-2050 għan-network komprensiv. Fir-rigward tal-iskadenza tal-2030, il-KESE jtenni d-dubji tiegħu dwar il-fattibbiltà espressi fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-2020 tiegħu, iżda jikkunsidra li l-iskadenza għandha tinżamm biex issir pressjoni fuq l-Istati Membri.

3.3. Nilqgħu wkoll l-importanza mogħtija lill-koeżjoni, inklużi l-konnettività u l-aċċessibbiltà għal kulħadd fl-UE, kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, u kemm fuq distanzi twal kif ukoll qosra, kif ukoll l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw koerenza mal-politika tat-trasport tal-UE fl-azzjoni nazzjonali tagħhom. Il-kriterji minimi rigward l-infrastruttura ferrovjarja se jtejbju l-prospetti tal-multimodalità.

3.4. Il-KESE japprova l-enfasi fuq il-Kurituri Ewropej sabiex jiġu promossi t-trasport u l-multimodalità effiċjenti. Jappoġġja wkoll ir-rwol imsaħħaħ tal-Koordinaturi Ewropej u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'saħħtu li għandu jiżgura implimentazzjoni adegwata u f'waqtha.

Il-KESE jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-koordinazzjoni tal-konfigurazzjoni u l-ġestjoni tal-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija mal-Kurituri Ewropej, liema koordinazzjoni għandha għib valur miżjud konsiderevoli permezz ta' effetti ta' sinerġija.

3.5. Il-KESE jinnota li l-Koordinaturi Ewropej jinħatru wkoll għall-Ispazju Marittimu Ewropew u għall-ERTMS. Fir-rigward tal-ERTMS, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tagħha u jilqa' s-suġġeriment li l-appoġġ mill-Istat jiġi eżentat min-notifika dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Il-Koordinatur għall-Ispazju Marittimu Ewropew għandu jiżgura l-integrazzjoni tal-konnessjonijiet marittimi fin-Network trans-Ewropew tat-Trasport u l-ħolqien u t-titjib ta' konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra. Nenfazzjaw b'mod partikolari li kompiti li għandhom l-għan li jiżguraw interfaċċa mingħajr xkiel bejn it-trasport fuq il-baħar, il-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport fuq l-art huma utli ħafna.

3.6. L-Ispazju Marittimu Ewropew jissostitwixxi l-Awtostradi tal-Baħar, li huwa kunċett meqjus kumpless wisq. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-hekk imsejħa pontijiet tal-baħar, jiġifieri konnessjonijiet regolari u frekwenti ħafna tal-vapuri ro-ro tal-passiġġieri, fejn il-vapuri kważi jissodisfaw il-funzjoni ta' pont. Il-KESE jistaqsi jekk tali pontijiet tal-baħar għandhomx jitqiesu bħala konnessjonijiet simili għal element ta' infrastruttura, u jkunu eliġibbli għal kofinanzjament bħala proġett ta' interess komuni.

3.7. Il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma huwa stipulat l-ebda żmien fiss għall-għoti ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' proġetti barra mill-Kurituri Ewropej.

3.8. Madankollu, il-KESE japprova s-segwitu u l-mekkaniżmu ta' sanzjonar previsti f'każ ta' dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti mingħajr spjegazzjoni sodisfaċenti. Il-KESE jiddispjaċih li l-unika sanzjoni spjegata b'mod ċar hija li jintemm il-kofinanzjament u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti pereżempju għal multa ta' kuljum sakemm id-dewmien ikompli minħabba negliġenza.

3.9. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-enfasi fuq konsultazzjoni adegwata ta' daww ikkonċernati, kemm l-awtoritajiet flivelli differenti kif ukoll is-soċjetà ċivili, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar Prattika f'dan ir-rigward li għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, il-KESE jfakkar fl-Opinjoni tiegħu tal-2012 "White Paper tat-Trasport: lejn adegżjoni u impenn tas-soċjetà ċivili" u l-abbozz ta' linji gwida għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fil-politiki u l-proġetti tat-trasport tal-UE, diskussi f'konferenza organizzata mill-Grupp ta' Studju Permanenti tal-KESE dwar it-Trasport f'Milan fl-24-25 ta' Ottubru 2016. Il-KESE jagħmel ukoll dan il-punt fl-evalwazzjoni tiegħu tal-2020 imsemmija hawn fuq. Il-KESE jišhaq fuq il-ħtieġa li jinbdew konsultazzjonijiet wiesgħa kemm jista' jkun malajr, b'enfasi partikolari fuq is-soċjetà ċivili organizzata u filwaqt li jitqies ir-rispons li jkun irċieva kif xieraq.

3.10. Il-KESE japprezza l-prerekwizi addizzjonali dwar l-infrastruttura stabbiliti biex jippromovu t-tilħiq tal-objettiv tal-Patt Ekoloġiku li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'90 % qabel l-2050, u l-enfasi fuq l-aspetti ambjentali, inklużi l-ispejjeż esterni, meta jitfassal proġett.

3.11. Il-KESE jieħu nota tal-prijoritajiet ġenerali għan-networks kollha stabbiliti fl-Artikolu 12, u li jipprevedi t-tneħħija ta' ostakli amministrattivi, tekniċi u operazzjonali u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-infrastruttura (Artikolu 12(2)(c) u (d)). Dan huwa konsistenti wkoll mal-attitudni ġeneralment favorevoli lejn l-effiċjenza fir-riżorsi u l-innovazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 dwar servizzi sostenibbli tat-trasport tal-merkanzija. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' reżiljenza mtejba tan-network għad-diżastri, li għandha tiġi kkunsidrata fl-istadju tal-ippjanar. Is-soluzzjonijiet sostenibbli għandhom jiġu ppreferuti meta jissolvew il-problemi minħabba l-persjoni fuq ir-reżiljenza tan-network.

3.12. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li ż-żieda fl-effiċjenza ġenerali għandha tkun l-oġettiv, filwaqt li jitqies li effiċjenza mtejba fil-modi kollha se tikkontribwixxi għal prestazzjoni ambjentali aħjar, kif instab fi studju reċenti mill-Aġenzija Żvediża għall-Ħarsien Ambjentali ⁽²⁾.

3.13. Il-KESE jirrikonoxxi li fir-rigward kemm tan-network komprensiv kif ukoll tan-network ewlieni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tippermetti tul tal-ferrovija ta' 740 m mingħajr permess speċjali, u li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-iżvilupp tal-infrastruttura għat-tul tal-ferroviji ta' aktar minn 740 m u sa 1 500 m u tagħbija fuq il-fus ta' 25,0 t, soġġett għal analiżijiet soċjoekonomiċi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Dispożizzjoni dwar ferroviji ta' 740 m fuq infrastrutturi privati tapplika wkoll fir-rigward tal-infrastruttura tat-trasport multimodali.

3.14. Il-KESE jitlob il-faċilitazzjoni tat-teħid ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza f'kull aspekt sabiex tiġi promossa l-multimodalità, li jimplika li jsir l-aħjar użu possibbli mill-vantaġġi tal-modi kollha tat-trasport biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb is-sikurezza u jitnaqqas il-piż ambjentali. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-importanza tal-interfaċċa bejn it-trasport fuq l-art u modi oħra, li tippermetti lill-passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-avjazzjoni jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-katina multimodali.

3.15. Meta wieħed iqis id-dispożizzjoni msemmija fil-punt preċedenti, huwa sorprendenti wkoll li l-ħin massimu tal-waqfien għall-ferroviji fil-qsim tal-fruntieri previst fil-Kurrituri Ewropej tat-Trasport, ma japplikax kemm għan-networks ewlenin kif ukoll dawk komprensivi.

3.16. Il-KESE jieħu nota favorevoli tal-attenzjoni li nġhatat lis-sistemi tal-ICT għat-trasport biex jiġu ffaċilitati, fost l-oħrajn, il-ġestjoni tat-trasport u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-modi biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tat-trasport multimodali, li hija waħda mill-prijoritajiet stabbiliti għall-iżvilupp ta' merkanzija sostenibbli. Il-KESE jqis li l-potenzjal vast tad-diġitalizzazzjoni biex jittejjbu l-effiċjenza, il-koerenza u s-sostenibbiltà tat-trasport għandu jiġi żviluppat mill-aktar fis possibbli.

3.17. Il-KESE japprova wkoll in-nodi urbani u t-terminals multimodali li għandhom jiġu inklużi bħala elementi speċifiċi tat-TEN-T. It-tnejn huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tat-trasport, tal-ewwel minħabba li huma essenzjali għall-ewwel u għall-aħħar mil, u tal-aħħar minħabba r-rwol ewlieni tagħhom għall-funzjonament tajjeb tat-trasport multimodali. Il-KESE jinnota li l-kriterji proposti rigward il-lokalizzazzjoni tat-terminals jaġġmluha possibbli li terminal wieħed jaqdi diversi nodi urbani.

3.18. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-Opinjoni tiegħu dwar it-trasport multimodali u l-loġistika intermodali li tenfasizza l-importanza tad-diġitalizzazzjoni u tat-terminals multimodali għall-iżvilupp tal-multimodalità ⁽³⁾.

3.19. Il-KESE jilqa' ż-żieda fl-attenzjoni li nġhatat lill-konnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien, inklużi l-pajjiżi msieħba bħall-Istati Membri tal-EES u l-Iżvizzera, u l-pajjiżi tal-adeżjoni, b'mod partikolari l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, kif ġie żviluppat aktar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) għall-pajjiżi terzi ġirien.

3.20. Il-KESE, f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-importanza li tiġi implimentata l-Istrateġija dwar il-Konnettività tal-Portal Globali tal-Kummissjoni (JOIN(2021) 30) biex jiġu promossi investimenti dinjija fi trasport sostenibbli, intelliġenti, reżiljenti u sikur fil-modi kollha, u l-modi kollha jinġabru flimkien f'sistema multimodali.

⁽²⁾ Bidla modali għal titjib ambjentali — Rapport 7003, Awwissu 2021, b'sommarju bl-Ingliż.

⁽³⁾ ĠU C 374, 16.9.2021, p. 1.

3.21. Il-KESE jilqa' wkoll l-attenzjoni li ngħatat lill-involviment tas-suġġetti ta' pajjiżi terzi fil-proġetti tat-TEN-T u l-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw tali involviment lill-Kummissjoni, sabiex tkun tista' tivvaluta l-impatt tagħha fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni fil-każi kollha li ma jaqgħux taħt ir-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas ta' skrinjar tal-investiment dirett barrani fl-Unjoni.

3.22. Il-KESE jixtieq jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-possibbiltà ta' aġġustament permezz ta' atti delegati ta' elementi infrastrutturali u l-konfigurazzjoni tal-Kurituri. Il-flussi tat-trasport jinbidlu, u din il-possibbiltà ta' aġġustament tagħmilha aktar faċli li jiġi żgurat li l-infrastruttura tan-network u l-konfigurazzjoni tal-kurituri jikkorrispondu għar-realtajiet tal-flussi tat-trasport.

3.23. Fl-aħħar nett, il-KESE jixtieq jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-kwistjoni taż-żamma tat-TEN-T bħala obbligu tal-Istati Membri issa hija inkluża fil-Proposta, kif issuġġerit mill-KESE fir-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu msemmi hawn fuq.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jieħu nota tal-ħtieġa li jiġu pprovduti faċilitajiet ta' infrastruttura adegwati għall-persunal biex ikollhom fejn jistrieħu fl-istazzjonijiet ferrovjarji.

4.2. Il-KESE, b'segwitu għall-kumment ġenerali dwar id-diġitalizzazzjoni, jinnota li d-diġitalizzazzjoni tista' tintuża biex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali, pereżempju fis-settur ferrovjarju.

4.3. Fir-rigward tat-trasport bit-triq, il-KESE jqis li l-kriterji minimi għandhom jiġu definiti mhux biss għal Żoni ta' Parkeġġ Sikuri (Artikolu 29(2)(c)) iżda wkoll għal żoni ta' mistrieħ (Artikolu 29(2)(b)).

Brussell, it-23 ta' Marzu 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
